AGGORNAMENT 2018

Fl-2005 is-Socjeta' Storiko Kulturali Vittoriosa zanznet il-website taghha. GHal dik l-okkazjoni, s-Socjeta' organizzat Treasure Hunt Storiku ghall-istudenti u z zghazagh minn fuq il-website. Forsi kien l-ewwel wiehed ta' dan it-tip. L-iskop kien li l-partecipanti jduru dawra mat-toroq tal-Belt Vittoriosa u fl-istess waqt jitghallmu ftit mill-istorja tal-Birgu. Kien hemm konkorrenza kbira minn Malta.

Billi rega' hawn interess f'dan it-tip ta' attivita', hsibna li filwaqt li nhallu l-ideja originali, naggornaw il-mistoqsijiet biex ikunu iktar attwali mhabba xi tibdil fil-frattemp: tibdil bl-ismijiet ta' toroq; tibdil fl-uzu ta' postijiet; tibdil fit-tabelli ecc.

**TREASURE HUNT STORIKU FIL-BELT VITTORIOSA 2018**

GHaziz Zaghzugh, GHaziza Zaghzugha !

Merhba u grazzi talli lqajt l-istedina li tidhol ghal din it-Treasure Hunt Storiku. Din il-kompetizzjoni nisperaw li tkun ghalik esperjenza interessenati ghax ser tiehdok dawra mal-Belt Vittoriosa, jew kif inhi maghrufa bl-isem qadim taghha, il-Birgu. Ser tiehdok tiskopri inti stess tezori storici li jiffurmaw parti mill-wirt nazzjonali. Fl-istess hin nittamaw li tiehu gost.

Hu l-hin tieghek. Hemm x'hemmx time limit. Inti u tfittex, hares u osserva. U fl-istess hin apprezza. Jekk inti tixtieq tista' issiebeh mieghek persuna ohra, basta tkun fl-eta' li tista' tiehu sehem fil-kompetizzjoni.

Biex issewgi t-triqat tat-Treasure Hunt jinhtieg li tipprintja il-*Kwestjonarju* hawn that, biex tiehdu mieghek u ssegwi r-rotta li ghandek issib u nizzel fih r-risposti ghad-domandi. Fl-ahhar imla' l-parti fl-ahhar intitolat: *Risposti,* imbaghad

a) jew manwalment u ibghatu bil-posta fl-indirizz postali: Treasure Hunt Storiku, Dar it-Tmienja ta' Settembru, Socjeta Storiko Kulturali, Pjazza Vittoriosa, Vittoriosa
b) jew elettronikament u ibghatu bhala Word file attachment fl-indirizz email: info@vittoriosahistorica.org

Tinsiex timla' l-informazzjoni personali tieghek u jekk ghandek konkorrent iehor qed jiehu sehem mieghek tal- konkorrent ukoll.

KWESTJONARJU – AGGORNAT 2018

Il-bidu tal-mixja taghna huwa inti hu tiela minn Bormla wara li taqbez il-Knisja ta' Santa Tereza f'nofs it-telgha lejn il-Birgu, ezattament fit-tarf ta' Triq 79 fejn hemm l-isem ta' din it-triq.

Faccata jidher il-Bieb gos-swar li jwassal ghall-Belt Vittoriosa. Nosservaw fuq il-Bieb l-iskultura (mikula biz-zmien !) li turi distintivi tal-ghadu magguri tal-Kavallieri, it-Tork ottomani: turbani, lanez, tarki. Mal-mina hemm miktuba s-sena fil-forma Latina meta dan il-Bieb l-ahhar li ssewwa. Iktibha ezatt kif inhi miktuba fuq il-bieb. Forsi jirnexxilek taghraf liema sena kienet?

(1)……………………………………………………………………………..

Fuq ix-xellug qabel ma' tidhol fil-mina fil-foss taht it-triq hemm gnien zghir b'sigra tal-palm fin-nofs u nicca zghira. Dan huwa maghruf bhala Gnien Fejn Sabu s-Sinjur. X'inhi r-raguni ?

(2)……………………………………………………………………………..

Din il-parti tas-swar tal-Birgu kienet ikkontrollata mill-Kavallieri Spanjoli. Din hija l-ewwel mina jew Bieb tal-Birgu ghax il-Birgu mhux Bieb wiehed ghandu biex jiddefenduh imma tlieta. Kif inhu maghruf dan l-Ewwel Bieb?

(3)……………………………………………………………………………..

Appena tidhol fuq in-naha tal-lemin naraw l-entratura ta' Muzew li jokkupa u jamministra din iz-zona, Muzew li jfakkarna fi grajja kerha fl-Istorja ta' pajjizina. Xinhu da nil-Muzew?

(4)……………………………………………………………………………..

Iktar il-gewwa naraw post li fih issib issib is-serhan tal-menti fil-letteratura u l-kultura li biex tilhqu, trid titla xi 30 targa. Xinhu dan il-post?

(5)……………………………………………………………………………..

Nimxu issa minn fuq il-pont. Jekk minn fuq il-pont thares lejn il-lemin tara li hemm pont iehor iktar fil-gholi mibni fuq tlett hnejjiet. Din ix-xena kienet intuzat f'film celebri li hafna minnu ngibdu hawn Malta xi snin ilu. X'ismu l-film ?

(6)……………………………………………………………………………..

Issa nghaddu mit-tieni Bieb tal-Birgu li huwa maghruf bhala Couvre Porte u naslu fi pjazza zghira mdawwra bis-swar. Dawn is-swar, maghrufa bhala Posta, kienu kontrollata mill-Kavallieri ta' liema nazzjonalita'?

(7)…………………………………………………………………………………..

Jiddomina din il-pjazza naraw it-tielet Bieb li huwa l-Bieb ewlieni tal-Belt tal-Birgu. Osserva kif dan huwa mohbi u mdawwar tajjeb bis-swar biex l-ghadu ma jippenetrax. Fuq dan il-bieb hemm kitba bil-latin, mehuda mill-Bibbja, mill-Ktieb tas-Salmi, li taghti gieh lill-Birgu ghar-rebha ta' l-Assedju, kliem li bil-Malti jfisser: "Fuq rasi poggejt kuruna fil-jiem tal-battalja". Ikteb ezatt il-kliem bil-latin:

(8)…………………………………………………………………………………..

Nghaddu minn gol-Bieb, induru lejn ix-xellug, nilwu ma' Triq il-Vittmi tal-Polverista u nduru ghall-Triq Boffa u nidhlu gol-Birgu.

L-aktar bini li jolqtok hawn huwa l-kazin tal-Banda Prince of Wales li ghandu dahla imponenti bit-tarag u b'zewg kolonni. Fuq il-bieb hemm l-emblem tal-Prince of Wales. Xinhi?

(9)…………………………………………………………………………………..

Magenb il-Kazin tal-Banda hemm hanut tal-merca li ismu jfakkrek fi zmien l-Inglizi. L-isem ta' dal-hanut huwa ta' frejgata tal-gwerra tal-Flotta Ingliza li kella l-Bazi fil-Birgu. X'ismu l-hanut ?

(10)…………………………………………………………………………………..

Minxu ftit 'l isfel u naraw bini antik fuq il-lemin b'irhama zghira li turini l-post fen darba kien hemm knisja zghira iddedikata lil San Gorg. Ma setax jonqos li San Gorg, il-qaddis popolari ta' l-Orjent, ma jkollux knisja fil-Birgu. Din il-knisja kienet uzata minn kommunita' ta' nies li akkumpanjaw lill-Kavallieri meta dawn gew Malta fl-1530. Min kienu dawn ?

(11)…………………………………………………………………………………..

Ma nistaghux nimmissjaw il-Kunvent tad-Dumnikani u l-Knisja tal-Lunzjata bil-kampnar. Dawn inbnew mill-gdid wara l-gwerra ghax kienu ggarrfu. F'liema data d-Dumnikani stabillew ruhhom gol-Birgu ?

(12)…………………………………………………………………………………..

Darba kien hawn Inkwizitur fil-Birgu li meta sar qassis, qaddes l-ewwel quddiesa tieghu fil-Knisja tal-Lunzjata.  Snin wara huwa lehaq Papa, Alessandru VII.  Min kien dan l-Inkwizitur ?

(13)…………………………………………………………………………………..

Quddiem il-Knisja tal-Lunzjata naqdbu triq dejqa xi ftit wieqfa jisimha Triq il-Lunzjata F'din it-triq twieled wiehed mill-Prim Ministri ta' Malta tal-passat.  Min hu?

(14)…………………………………………………………………………………..

Iktar 'il fuq naraw il-bini sabih bil-bieb klassiku li ghalih din it-triq hija msemmija.  Mela l-Isqof ta' Malta ma kienx bizzejjed li jkollu l-Imdina imma ried ikollu wkoll sede fil-Birgu !  Mhux hekk biss, imma gqb ukoll il-Kurja mieghu !  Min kien l-Isqof li waqqaf dal-Palazz ?

(15)…………………………………………………………………………………..

Naslu f'tarf it-triq u quddiemna naraw palazz iehor enormi, gholi, mibni b'gebel kbir u bi twieqi tawwalin u mbarrati bil-hadid.  L-Inglizi kienu jsejjhulu Kwartier ghax fih kien hemm is-suldati.  Inbena mill-Kavallieri u fl-Assedju kien jintuza ghal skop partikolari – ghall-hazna tal-armi.  Kif inhu maghruf?

(16)…………………………………………………………………………………..

Nimxu tul Triq l-Arcisqof Mikiel Gonzi sa ma din taqsam Triq Pacifico Scicluna u nkomplu ghaddejjin dritt 'l isfel, triq antika bit-tarag u mzejjna bil-pjanti, Triq Glormu Cassar.  Isfel nett tat-triq insibu nicca kemm kemm fil-gholi.  X'qaddis hemm fin-nicca ?

(17)…………………………………………………………………………………..

Preciz faccata ghad hemm mil-fdalijiet ta' wahda mill-Bereg tal-Kavallieri ta' qabel l-Assedju, fdalijiet li parti minnha ggarfet fil-gwerra.  X'hi din il-Berga ?

(18)…………………………………………………………………………………..

Induru lejn ix-xellug fit-triq li kienet strada rjali tal-Kavallieri meta dawn kienu fil-Birgu; illum dit-triq jisimha Triq Hilda Tabone, li kienet soprano mill-Birgu.  Nibqghu dejjem ghad-dritt sa ma naslu f'bini iehor barokk, Berga ohra ta' qabel l-Assedju li fortunatament ghadha intatta: il-Berga ta' Franza.  X'uzu qed isir minna din il-Berga ?

(19)…………………………………………………………………………………..

Niksru issa ghal Triq il-Majjistral, triq originali bic-cangaturi taz-zonqor. Ftit 'il fuq niltaqghu ma' Berga ohra bi stil tassew mannerist ta' qabel l-Assedju, il-Berga ta' l-Ingilterra. Qrib ta' din il-Berga kien joqghod persuna distinta li kien qrib hafna tal-Gran Mastru De La Vallette. GHal min qed nghidu ?

(20)……………………………………………………………………………………..

Nibqghu mixjin 'il fuq u niksru lejn il-lemin ghal Triq in-Nofs in-Nhar, triq dejqq u simpatika bi djar ferm antiki u li tfakkrek fl-Imdina. Nilwu ma' l-ewwel kantuniera u ninzlu t-tlett targiet ghal Triq il-Lbic. Minn dar hawnhekk zgur xi darba fil-passat instema jindaqq l-Innu Malti. Is-socjeta' mandolinisika li daqqitu l-ewwel darba kellha s-surmast taghha mwieled hawn. Min hu?

(21)……………………………………………………………………………………..

Triq il-Lbic tizbokka bla tfixkil fil-Pjazza. Fuq il-lemin malli naqbzu l-barriera ghall-Pjazza jixref il-Kazin tal-Labour. Dan jinsab f'dar storika li wkoll ghandha konnessjoni mal-muzika ghax fiha fil-passat kienu joqoghdu zewg surmastrijiet. Min kienu ?

(22)……………………………………………………………………………………..

Biex inkomlu bit-tema muzikali, naraw il-bini sabih bi skultura fina li huwa l-Kazin tal-Banda bil-gallarija, opra artisika ta' l-injam u ohra tal-ferrobattuto. Din ghandha s-saljaturi ras ta' ljun. Dan il-palazz tawh l-isem tal-belt fi Spanja fejn twieled San Lawrenz. Xinhi din il-belt?

(23)……………………………………………………………………………………..

Fuq naha tal-Pjazza naraw il-Monument tal-Vitorja mwaqqaf fl-1705. Fuq pedestal gholi hemm Malta personifikata bhala mara liebsa bil-kurazza u l-elmu u f'idejha x-xabla (din nehhewielha biex jirrestawrawha!) u t-tarka. Fuq it-tarka nara s-simboli tal-Gran Mastru li fi zmienu gie mwaqqaf dan il-Monument. X'inhuma s-simboli fuq it-tarka ?

(24)……………………………………………………………………………………..

Ninzlu issa n-nizla li taghti ghax-Xatt maghrufa bhal Triq Nestu Laiviera. Id-dar numru 2 hija l-ufficcju tas-Socjeta' le nidiet dan it-Treasure Hunt Storiku. X'jisimha d-dar ?

(25)……………………………………………………………………………………..

Ninzlu lej ix-Xatt u nduru lej il-Knisja ta' San Lawrenz. Fl-1990 din il-Knisja ccelebrat id-900 anniversarju u dik is-sena gie Malta l-Papa Gwanni Pawlu. F'liema data l-Papa zar il-Birgu ?

(26)……………………………………………………………………………………..

Il-Knisja ta' San Lawrenz hija x-xoghol ta' l-arkitett Vittorjozan Lorenzo Gafa'. F'liema sena l-Knisja ghalqet 300 sena mill-bnin taghha ?

(27)…………………………………………………………………………………..

Nghaddu minn quddiem id-Domus Curialis, id-dar tal-Arcipriet, tul Triq San Lawrenz minn quddiem l-Olde City Pub. Kif naqbdu t-telgha ta' Triq 79, hemm zewg imhazen. Qabel il-gwerra hawnhekk ra l-bidu ta' ditta maghrufata' importaturi tal-karozzi li llum ghandhom il-Continental Showroom, Ta' Xbiex. X'isimha din l-organizzazzjoni?

(28)…………………………………………………………………………………..

Ahna u telghin Triq 79 lejn ix-xellug nilmhu telgha wieqfa hafna bit-tarag fil-genb. Jisimha Triq il-Vittmi tal-Polverista biex tfakkar tragedja kbira li grat f'dan il-post meta sploda l-magazine tal-porvli fi zmien l-Inglizi u mietu xi 200 ruh li kienu joqoghdu f'dawn l-inhawi. F'liema data sehhet din it-tragedja?

(29)…………………………………………………………………………………..

Inkomplu t-telgha fi Triq 79 pero' naghtu harsa lura u naraw id-dehra meraviljuza tad-dahla tal-port bejn il-Birgu u l-Isla, illum mizghuda bil-jottijiet u fi- zmien il-Kavallieri bix-xwieni u fi zmien l-Inglizi bil-bastimenti tar-Royal Navy. Dak iz-zmien kien maghruf bhala Porto delle Galere (Port ix-Xwieni). Kif inhi maghrufa llum din id-dahla bahar?

(30)…………………………………………………………………………………..

Fl-ahhar naghmlu l-ahhar sforz u nghaddu mill-mina maghrufa bhala Admiralty Gate ghax bnewha l-Inglizi u naslu propju minn fejn bdejna din id-dawra.

Grazzi talli segwejt bil-reqqa dan l-itinerarju storiku mal-Belt Vittoriosa

Socjeta’ Storiko Kulturali Vittoriosa

**TREASURE HUNT STORIKU FIL-BELT VITTORIOSA 2018**

*Dettalji dwarek:*

Isem u kunjom ……………………………………………………………Eta’…………

Indirizz postali ……………………………………………………………………………..

Indirizz email ………………………………………………………………………………

Skola li tattendi …………………………………………………………Klassi……..…

*Dettalji dwar il-konkorrent l-iehor jekk qeghdin tippartecipaw flimkien:*

Isem u kunjom ……………………………………………………………Eta’.. ………..

Indirizz postali ……………………………………………………………………………..

Indirizz email ………………………………………………………………………………

Skola li tattendi …………………………………………………………Klassi ………

RISPOSTI

(1)……………………………………………………………………………………..

(2)……………………………………………………………………………………..

(3)……………………………………………………………………………………..

(4)……………………………………………………………………………………..

(5)……………………………………………………………………………………..

(6)……………………………………………………………………………………..

(7)……………………………………………………………………………………..

(8)……………………………………………………………………………………..

(9)……………………………………………………………………………………..

(10)……………………………………………………………………………………..

(11)……………………………………………………………………………………..

(12)……………………………………………………………………………………..

(13)……………………………………………………………………………………..

(14)……………………………………………………………………………………..

(15)……………………………………………………………………………………..

(16)……………………………………………………………………………………..

(17)……………………………………………………………………………………..

(18)……………………………………………………………………………………..

(19)……………………………………………………………………………………..

(20)……………………………………………………………………………………..

(21)……………………………………………………………………………………..

(22)……………………………………………………………………………………..

(23)……………………………………………………………………………………..

(24)……………………………………………………………………………………..

(25)……………………………………………………………………………………..

(26)……………………………………………………………………………………..

(27)……………………………………………………………………………………..

(28)……………………………………………………………………………………..

(29)……………………………………………………………………………………..

(30)……………………………………………………………………………………..